MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2004

Numru 182/2004

**C & L Calleja Trading Limited**

**vs**

**Paul Galea u Carmen Galea**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat is-6 t'April tas-sena 2004 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lill-konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:**

**1. Ihallsu s-somma ta' elfejn tlett mija u sitta u sittin Lira Maltin u erbgha u tletin centezmu (Lm2,366.34), rapprezentanti prezz ta' prodotti li l-**

**konvenuti kienu ordnaw u xtraw mis-socjeta' attrici ghall-uzu f'zewg restaurants minnhom gestiti u dan kif jirrizulta minn prospetti annessi u mmarkati bhala Dok. `A' u Dok. `B' rispettivament, nonostante ili gew interpellati sabiex ihallsu dan il-bilanc inkluz permezz ta' ittra legali datata 8 ta' Marzu, tas-sena 2004, (Dok `C'), u baqghu inadempjenti;**

**2. Bl-ispejjez kontra l-konvenuti, inkluz dawk ta' l-ittra legali datata 8 ta' Marzu tas-sena 2004 u tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju li qed jigi pprezentat kontestwalment ma' dan l-avviz u bl-imghax bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mid-data tal-fatturi relattivi ndikati fil-prospetti annessi ma' dan l-avviz, sad-data tal-pagament effettiv;**

**3. Il-konvenuti huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet l-ammissjoni guramentata tal-konvenut Paul Galea;**

**Ghaldaqstant, in vista ta' l-ammissjoni ndikata tikkundanna lill-konvenuti Paul Galea u Carmen Galea biex ihallsu lis-socjeta' attrici C & L Calleja Trading Limited l-ammont ta' elfejn, tlett mija u sitta u sittin Lira Maltin u erbgha u tletin centezmu, (LM2,336.34,0), kif mitlub fl-avviz promotur, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet dovuti skond il-ligi.**

**Marica Sammut**
**Deputat Registratur**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------